Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Frar 2019**
**(OR. en)**

**6227/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0309(COD)**

**CODEC 357**
**PROCIV 11**
**JAI 108**
**COHAFA 14**
**FIN 122**
**PE 41**

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strasburgu, 11 sal-14 ta' Frar 2019) |

## I. INTRODUZZJONI*

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni[1], saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Elisabetta GARDINI (PPE, IT), ippreżentat emenda ta' kompromess (l-emenda numru 79) għall-proposta għal Deċiżjoni, f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

1 ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

Barra minn hekk, Adina-Ioana VĂLEAN (PPE, RO) ressqet dikjarazzjoni konġunta (l-emenda numru 80) f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel.

## II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Frar 2019, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 79) għall-proposta għal Deċiżjoni kif ukoll l-emenda numru 80 li fiha d-dikjarazzjoni konġunta. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument[2].

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

[2] Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv.*** Is-simbolu " ▌ " jindika test imħassar.

# Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (COM(2017)0772/2 – C8-0409/2017 – 2017/0309(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM2017)0772/2),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 196 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0409/2017),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mil-Kamra tad-Deputati Ċeka, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2018[3],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' Mejju 2018[4],

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta' Diċembru 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet u l-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0180/2018),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt[5];

---

[3] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[4] ĠU C 361, 5.10.2018, p. 37.
[5] Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fil-31 ta' Mejju 2018 (Testi adottati, P8_TA(2018)0236).

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm lura milli tuża riallokazzjonijiet sabiex tiffinanzja prijoritajiet ta' politika ġodda li jiżdiedu matul il-qafas finanzjarju pluriennali li jinsab għaddej, peress li dan żgur li se jkollu impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ewlenin oħra tal-Unjoni;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi biżżejjed finanzjament għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss li jibda fl-2021, li jibni fuq ir-riforma preżenti tal-UCPM;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P8_TC1-COD(2017)0309**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Frar 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[7],

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja[8],

---

6 Opinjoni tat-18 ta' Ottubru 2018 (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).
7 ĠU C 361, 5.10.2018, p. 37.
8 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019.

Billi:

(1) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ("il-Mekkaniżmu tal-Unjoni"), regolat mid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u jiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili sabiex itejjeb ir-reazzjoni tal-Unjoni għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.

(2) Filwaqt li jirrikonoxxi r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri li jipprevjenu, jħejju u jirrispondu għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

(3) Id-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem jistgħu jolqtu kwalunkwe post fid-dinja, spiss mingħajr twissija. Kemm jekk ikunu naturali kif ukoll jekk ikkawżati mill-bniedem, dawn qed isiru dejjem aktar frekwenti, estremi u kumplessi, huma aggravati mill-impatt tat-tibdil fil-klima, u dan irrispettivament mill-fruntieri nazzjonali. Il-konsegwenzi umani, ambjentali, ***soċjali*** u ekonomiċi li jirriżultaw minn dawn id-diżastri jistgħu jkunu ***ta' daqs li s'issa mhuwiex magħruf***.

---

[9] Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

(4) Eperjenza reċenti wriet li d-dipendenza fuq l-offerti volontarji ta' assistenza reċiproka, ikkoordinata u ffaċilitata mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni, mhux dejjem tiżgura li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet disponibbli biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet bażiċi tan-nies affettwati mid-diżastri b'mod sodisfaċenti, jew li l-ambjent u l-proprjetà jkunu ssalvagwardjati kif xieraq. Dan ikun partikolarment il-każ meta l-Istati Membri jiġu affettwati simultanjament minn ***diżastri li jkunu kemm*** rikorrenti kif ***ukoll mhux mistennija, kemm jekk naturali kif ukoll jekk ikkawżati mill-bniedem,*** u fejn il-kapaċità kollettiva ma tkunx ***suffiċjenti***. ***Sabiex jingħelbu dawk l-insuffiċjenzi u ji***ġu indirizzati ***l-perikli li jirriżultaw, jenħtieġ li l-istrumenti kollha tal-Unjoni jintużaw b'mod kompletament flessibbli, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili.***

***(5) Huwa essenzjali li l-Istati Membri jwettqu azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija adegwati, inkluż li jiżguraw id-disponibbiltà ta' numru suffiċjenti ta' kapaċitajiet biex jiffaċċjaw id-diżastri, b'mod partikolari dawk ta' nirien fil-foresti. Meta jitqies li l-Unjoni kienet ikkonfrontata fis-snin reċenti b'nirien fil-foresti partikolarment intensi u mifruxa, li nkixfu lakuni operattivi sinifikanti f'diversi Stati Membri u fil-***Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (EERC, *European Emergency Response Capacity*)***, stabbilita fil-forma ta'*** konsorzju volontarju ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni impenjati minn qabel mill-Istati Membri ***taħt id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri addizzjonali fil-livell tal-Unjoni. Il-prevenzjoni tan-nirien tal-foresti hija wkoll fundamentali fil-kuntest tal-impenn globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta'*** $CO_2$.

(6) Il-prevenzjoni hija ta' importanza ewlenija għall-protezzjoni kontra d-diżastri ***naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem*** u teħtieġ azzjoni ulterjuri. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkondividu ***mal-Kummissjoni*** fuq bażi regolari ***sommarji tal-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-valutazzjoni tal-kapaċità tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju, b'enfasi fuq ir-riskji prinċipali. Barra minn hekk,*** jenħtieġ li l-Istati Membri ***jikkondividu informazzjoni dwar miżuri*** ta' prevenzjoni u tħejjija, ***b'mod partikolari dawk meħtieġa biex jiġu indirizzati r-riskji ewlenin li jkollhom impatti transkonfinali u, fejn xieraq, riskji bi probabbiltà baxxa b'impatt qawwi.***

***(7) Jenħtieġ li l-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri jiżviluppaw aktar il-linji gwida biex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. Tali linji gwida għandhom jgħinu biex tiġi promossa l-komparabilità ta' tali informazzjoni, b'mod partikolari fejn l-Istati Membri jaffaċċjaw riskji simili jew riskji transkonfinali.***

***(8)*** ***Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri jimplikaw il-ħtieġa li jitfasslu u jiġu implimentati miżuri ta' ġestjoni tar-riskju li jinvolvu l-koordinament ta' firxa wiesgħa ta' atturi. Huwa importanti li jitqiesu l-varjabbiltà fil-klima attwali u t-trajjettorji projettati tat-tibdil fil-klima meta jitħejjew il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju. It-tħejjija ta' mapep tar-riskju hija aspett kruċjali tat-tisħiħ tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni. L-azzjonijiet biex titnaqqas il-vulnerabilità tal-popolazzjoni, l-attivitajiet ekonomiċi, inkluża l-infrastruttura kritika, it-***trattament xieraq ***tal-annimali u l-organiżmi selvaġġi, ir-riżorsi ambjentali u kulturali bħall-bijodiversità, is-servizzi tal-ekosistemi tal-foresti u r-riżorsi tal-ilma, huma ta' importanza kbira.***

***(9)*** ***Sabiex jitjiebu l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-prevenzjoni u t-tħejjija fost l-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tkun tista' tistabbilixxi mekkaniżmi speċifiċi ta' konsultazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob informazzjoni dwar miżuri ta' prevenzjoni u ta' tħejjija relatati ma' riskji speċifiċi meta Stat Membru jitlob assistenza b'mod frekwenti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta tali informazzjoni*** bil-għan li timmassimizza l-appoġġ ġenerali tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri ***u li jissa***ħħu ***l-livelli tal-prevenzjoni u t-tħejjija tal-Istati Membri***. Jenħtieġ li jitnaqqas il-piż amministrattiv u ***jenħtieġ li jissaħħu*** r-rabtiet ma' politiki u strumenti ewlenin oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari ***mal-***Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1303/***2013*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

[10] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il- Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

***(10)*** ***L-għargħar jikkostitwixxi riskju li qed jikber għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Għall-finijiet tat-tisħiħ tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tar-riskji ta' għargħar, jenħtieġ li l-Istati Membri, meta jwettqu l-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom taħt din id-Deċiżjoni, jagħmlu użu sħiħ ta', fost l-oħrajn, il-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa taħt id-Direttiva 2007/60/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] ***sabiex jiġi ddeterminat jekk il-mogħdijiet tal-ilma u x-xtut tagħhom humiex f'riskju ta' għargħar, u jieħdu miżuri adegwati u koordinati sabiex jitnaqqsu tali riskji.***

(11) Hemm bżonn li tiġi rinforzata l-abbiltà kollettiva għat-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ reċiproku fl-Ewropa. ***Sabiex ikun rifless il-qafas legali ġdid taħt din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-isem*** Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza ( ▌EERC***)*** jew ▌riżerva volontarja ***jinbidel għal*** Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ▌.

(12) Ir-rinfurzar tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili jeħtieġ titjib fil-finanzjament tal-Unjoni f'termini ta' adattament u tiswija tal-kapaċitajiet, kif ukoll ta' spejjeż operazzjonali.

---

11 Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar (ĠU *L 288, 6.11.2007, p. 27*).

(13) ***Minbarra li ssaħħaħ il-kapaċitajiet eżistenti b'mod ġenerali, jenħtieġ li r-riżerva 'rescEU' tkun stabbilita biex tirrispondi għal sitwazzjonijiet devastanti bħala l-aħħar istanza fejn il-kapaċitajiet eżistenti fil-livell nazzjonali u dawk impenjati minn qabel mill-Istati Membri fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux, fiċ-ċirkustanzi, kapaċi jiżguraw reazzjoni effettiva għal tipi varji ta' diżastri.***

(14) ***Ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri huwa ta' importanza kbira, u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tagħhom jenħtieġ li jkunu involuti b'mod xieraq fi kwalunkwe attività ta' koordinazzjoni u mobilizzazzjoni li ssir taħt din id-Deċiżjoni, f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali u legali tal-Istati Membri, bil-għan li jiġu mminimizzati s-sovrapożizzjonijiet u titrawwem l-interoperabbiltà. Tali awtoritajiet jistgħu jaqdu rwol preventiv importanti u huma wkoll l-ewwel li jirreaġixxu wara diżastru, flimkien mal-kapaċitajiet tal-voluntiera tagħhom. Għaldaqstant, teżisti ħtieġa għal kooperazzjoni kontinwa fil-livell lokali, reġjonali u transkonfinali bil-għan li jiġu stabbiliti sistemi ta' twissija komuni biex isir intervent rapidu qabel il-mobilizzazzjoni tar-rescEU, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni regolari għall-pubbliku dwar il-miżuri ta' reazzjoni inizjali.***

(15) ***Jenħtieġ li n-natura tal-kapaċitajiet tar-rescEU tibqa' flessibbli u tkun tista' tevolvi sabiex tindirizza żviluppi ġodda u sfidi futuri, bħall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima.***

***(16)*** ***Minħabba li r-riskji identifikati, il-kapaċitajiet globali u l-lakuni jvarjaw maż-żmien, hemm il-ħtieġa ta' flessibbiltà fl-istabbiliment tar-rescEU. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu kapaċitajiet tar-rescEU, filwaqt li jikkunsidraw ir-riskji identifikati, il-kapaċitajiet globali u l-lakuni.***

(17) Sabiex il-kapaċitajiet tar-rescEU jkunu jiffunzjonaw, jenħtieġ li ***jsiru*** disponibbli approprjazzjonijiet finanzjarji addizzjonali għall-finanzjament ta' azzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

(18) Jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tappoġġa lill-Istati Membri ***billi tikkofinanzja l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tar-rescEU, inklużi l-kiri, il-leasing jew*** l-akkwist tagħhom. Dan iżid sostanzjalment l-effettività tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, billi jiżgura d-disponibbiltà tal-kapaċitajiet f'każijiet fejn diversament ma tkunx garantita reazzjoni effettiva għad-diżastri, b'mod partikolari għal diżastri b'impatt wiesa' li jaffettwaw għadd sinifikanti ta' Stati Membri. Jenħtieġ li l-akkwist ***konġunt*** ta' kapaċitajiet jippermetti ekonomiji ta' skala u koordinazzjoni aħjar fir-reazzjoni għal diżastri.

***(19)*** ***Jenħtieġ li l-ammont ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni żborżat għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet tar-rescEU ikun determinat billi jittieħed kont tal-lista tal-kategoriji ta' spiża eliġibbli stabbilita f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja sħiħa mill-Unjoni għal kapaċitajiet li huma meħtieġa sabiex jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt qawwi li jistgħu jirriżultaw f'impatti transkonfinali sinifikanti u li għalihom il-livelli ta' tħejjija fl-Unjoni mhumiex meqjusa adegwati abbażi ta' analiżijiet tal-lakuna fil-kapaċità mwettqa mill-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili nazzjonali u l-Kummissjoni. Jenħtieġ li jiġi previst ukoll kofinanzjament sostanzjali għal kapaċitajiet li għalihom l-akkwist u l-ispejjeż rikorrenti huma l-ogħla, bħal kapaċitajiet għat-tifi tan-nirien fil-foresti mill-ajru. Jenħtieġ li jiġu determinati rati ta' kofinanzjament eżatti fil-programmi ta' ħidma annwali.***

*(20) Sabiex jintlaħaq bilanċ bejn ir-responsabbiltà nazzjonali u s-solidarjetà fost l-Istati Membri, jenħtieġ li parti mill-ispejjeż operattivi biex jiġu skjerati l-kapaċitajiet tar-rescEU tkun eliġibbli għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni.*

*(21) L-Istati Membri jew iċ-ċittadini tagħhom jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti minn diżastri li jseħħu f'pajjiżi terzi. Jenħtieġ li f'tali sitwazzjonijiet il-kapaċitajiet tar-rescEU ikunu disponibbli wkoll għal skjeramenti barra mill-Unjoni. Għal raġunijiet relatati mas-solidarjetà fost l-Istati Membri, fil-każ ta' skjeramenti tal-kapaċitajiet tar-rescEU barra l-Unjoni, l-ispejjeż operattivi jenħtieġ li jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni.*

(22) ***Sabiex tiġi żgurata reazzjoni li tkun kemm koordinata kif ukoll rapida, id-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni u d-demobilizzazzjoni, u kwalunkwe deċiżjoni fil-każ ta' talbiet konfliġġenti, jenħtieġ li jittieħdu mill-Kummissjoni f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru li jagħmel it-talba u l-Istat Membru li jkun is-sid ta', jew jikri jew ikollu b'lease, il-kapaċitajiet tar-rescEU inkwistjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istat Membru li jkun is-sid ta', jew li jkun qed jikri jew ikollu b'lease, l-kapaċitajiet tar-rescEU jikkonkludu kuntratti operazzjonali li jispeċifikaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-iskjerament tal-kapaċitajiet tar-rescEU.***

(23) ***It-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma aspetti essenzjali tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.*** Sabiex jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività tat-taħriġ u l-eżerċizzji ***fil-qasam tal-protezzjoni ċivili***, ***issir promozzjoni tal-innovazzjoni u d-djalogu, u*** tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u s-servizzi nazzjonali tal-protezzjoni ċivili tal-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili ▌***. Jenħtieġ li dak in-Netwerk ikun*** ibbażat fuq strutturi eżistenti ***inklużi ċentri ta' eċċellenza, universitajiet, riċerkaturi u esperti oħrajn, professjonisti żgħażagħ u voluntiera bl-esperjenza fil-qasam tal-ġestjoni tal-emerġenzi. Jenħtieġ li tiġi msaħħa wkoll aktar kooperazzjoni dwar it-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u, fejn possibbli, tiġi estiża biex ikunu involuti pajjiżi terzi, b'mod partikolari pajjiżi ġirien.***

***(24) L-operaturi tal-protezzjoni ċivili jiddedikaw ħajjithom biex jgħinu lill-oħrajn, u jinvestu ħin u sforzi sabiex jgħinu lil dawk fil-bżonn. Jenħtieġ li tali kuraġġ u impenn għall-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni jiġi rikonoxxut mill-Unjoni.***

***(25) Filwaqt li t-tisħiħ tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tax-xejriet ta' diżastri, tali dawk relatati mat-temp kif ukoll dawk relatati mas-sigurtà interna, huwa wieħed mill-aktar prijoritajiet importanti fl-Unjoni, huwa essenzjali li tiġi żgurata dimensjoni b'saħħitha, kemm territorjali kif ukoll immexxija mill-komunità, peress li l-azzjoni tal-komunità lokali hija l-aktar mod rapidu u effettiv biex tiġi limitata l-ħsara kkawżata minn diżastru***.

(26) Hemm bżonn li l-proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni jiġu ssimplifikati, sistemati ***u li tiżdied il-flessibbiltà tagħhom***, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaċċessaw ***malajr*** l-assistenza u l-kapaċitajiet meħtieġa sabiex jirrispondu għal diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem malajr kemm jista' jkun u bl-aktar ***mod effiċjenti*** possibbli.

(27) Sabiex jiġi massimizzat l-użu ta' strumenti eżistenti ta' finanzjament u jiġu appoġġati l-Istati Membri fl-għoti ta' assistenza, ***inkluż*** f'reazzjoni għal diżastri barra l-Unjoni, ▌ il-finanzjament jingħata skont l-Artikoli 21, 22 u 23 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE ***f'konformità mal-Artikolu 191(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[12]***. Madankollu, il-finanzjament għal attivitajiet ta' protezzjoni ċivili u għajnuna umanitarja, b'mod partikolari, jenħtieġ li jibqa' separat b'mod ċar u jkun konformi b'mod sħiħ mal-għanijiet u r-rekwiżiti legali rispettivi tagħhom.***

12 ***Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).***

(28) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jipprevjenu b'mod effettiv id-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem u sabiex jimmitigaw l-effetti tagħhom. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ***ta' din id-Deċiżjoni*** jirrinforzaw ir-rabtiet bejn l-azzjonijiet ta' prevenzjoni, ***tħejjija*** u reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Jenħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-koerenza mal-leġislazzjoni l-oħra rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, anke għall-azzjoni ta' prevenzjoni transkonfinali u r-reazzjoni għal theddid bħal theddid transkonfinali serju għas-saħħa, ***kif stabbilit fid-Deċiżjoni 1082/2013/UE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. ***Il-programmi ta' kooperazzjoni territorjali ta***ħt ***il-politika ta' koeżjoni jipprovdu għal azzjonijiet speċifiċi bil-għan li tiġi kkunsidrata r-reżiljenza għad-diżastri, il-prevenzjoni tar-riskji u l-ġestjoni tar-riskju, u jenħtieġ li jsiru sforzi ulterjuri għal integrazzjoni aktar b'saħħitha u sinerġiji akbar. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-azzjonijiet kollha jkunu koerenti ma', u jikkontribwixxu b'mod attiv sabiex jiġu onorati, impenji internazzjonali*** bħall-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015 – 2030, il-Ftehim ta' Pariġi taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar Tibdil fil-Klima u l-Aġenda tan-NU 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

(***29)*** ***Sabiex jiġi żgurat skambju komprensiv u bla xkiel ta' informazzjoni dwar il-kapaċitajiet u moduli għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, huwa meħtieġ li l-informazzjoni mtella' fuq is-***Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza ***(CECIS) tkun aġġornata kostantement. Fir-rigward ta' informazzjoni pprovduta permezz tas-CECIS, huwa xieraq ukoll li l-Istati Membri jirreġistraw fiha kapaċitajiet li mhumiex impenjati minn qabel fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili u li jkunu għad-dispożizzjoni tagħhom għall-finijiet tal-iskjerament ta' dawk il-kapaċitajiet permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.***

---

13 Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

(30) ***Huwa daqstant importanti li jinħolqu sinerġiji u li jitjiebu l-komplementarjetà u l-koordinazzjoni bejn il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u strumenti oħra tal-Unjoni, anke ma' dawk li jistgħu jikkontribwixxu għat-tiswija jew il-mitigazzjoni tad-dannu kkawżat minn diżastri.***

(31) ***Sabiex jiġu emendati l-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li jintużaw għad-determinazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni*** għall-***iżvilupp tal-kapaċitajiet*** tar-rescEU, is-setgħa ***li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***[14]***. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom b'mod sistematiku jkollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.***

(32) ***Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, fir-rigward ta': id-definizzjoni*** tat-tipi u l-għadd ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni ewlenin meħtieġa għar-***Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili; id-definizzjoni*** tal-***kapaċitajiet li minnhom tikkonsisti r-rescEU, b'kont meħud tar-riskji identifikati, il-kapaċitajiet globali u l-lakuni;*** l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tar-rescEU; l-istabbiliment u l-organizzazzjoni ta***n-Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili; il-kategoriji ta' riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt qawwi u l-kapaċitajiet korrispondenti biex dawn ikunu ġestiti; u kriterji u proċeduri sabiex jiġi rikonoxxut l-impenn fuq perijodu twil u l-kontributi straordinarji għall-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat***

---

[14] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

***jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].***

(33) Ladarba l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni***, jiġifieri li tiżdied il-kapaċità kollettiva tal-prevenzjoni ta', it-tħejjija u r-reazzjoni għal, diżastri,*** ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħha, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

***(34) Sabiex tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-rescEU, jenħtieġ li l-Kummissjoni, għal perijodu tranżizzjonali, tkun tista' tipprovdi finanzjament biex tiġi żgurata d-disponibbiltà rapida ta' kapaċitajiet nazzjonali rilevanti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jistinkaw biex jiksbu kapaċitajiet addizzjonali, inklużi ħelikopters għat-tifi tan-nar, sabiex jirrispondu, mhux aktar tard mis-sajf tal-2019, għar-riskju ta' nirien tal-foresti.***

(35) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tiġi emendata kif meħtieġ.

***(36) Sabiex tippermetti l-applikazzjoni pronta ta' dawn il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,***

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[15] ***Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).***

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) ***il-***paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) ***il-punt (c) jinbidel b'dan*** li ġej ▌:

***"(c) li tiġi ffaċilitata reazzjoni rapida u effiċjenti f'każ ta' diżastri jew diżastri imminenti, inkluż billi jittieħdu miżuri biex jittaffew il-konsegwenzi immedjati ta' id-diżastri;";***

***(ii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:***

"(e) li jiżdiedu d-disponibbiltà u l-użu tal-għarfien xjentifiku dwar ***id-diżastri; u***

***(f) li jiżdiedu l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fil-livell transkonfinali u fost l-Istati Membri suxxettibbli għall-istess tipi ta'*** diżastri.";

(b) il-punt (a) tal-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-prevenzjoni ta' diżastri: li jitkejjel mill-għadd ta' Stati Membri li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ***l-informazzjoni*** msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 6 ▌(1)***;";***

***(2)*** fl-Artikolu 4, jiżdied il-punt li ġej:

"(12) 'Stat Parteċipanti' tfisser pajjiż terz li jipparteċipa fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 28(1).";

(3) l-Artikolu 5 (1) huwa emendat kif ġej:

(a) ***il-punt*** (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) tieħu azzjoni biex ittejjeb il-bażi ta' għarfien dwar riskji ta' diżastri, u biex tiffaċilita ***u tippromwovi aħjar il-kooperazzjoni u*** l-kondiviżjoni ta' għarfien, ir-riżultati tar-riċerka xjentifika ***u l-innovazzjoni***, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni, inkluż fost l-Istati Membri li jikkondividu riskji komuni***;*** ";

***(b) il-punt (f)*** jinbidel b'dan li ġej:

" ***(f) tiġbor u xxerred l-informazzjoni li ssir disponibbli mill-Istati Membri; torganizza skambju ta' esperjenzi dwar il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju; u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-ippjanar tal-prevenzjoni u tal-istat ta' tħejjija, inkluż permezz ta' evalwazzjonijiet volontarji bejn il-pari;*** ";

***(c) il-punt (i)*** jinbidel b'dan li ġej:

" ***(i) tenfasizza l-importanza tal-prevenzjoni tar-riskji, tappoġġa lill-Istati Membri fis-sensibilizzazzjoni, l-informazzjoni u l-edukazzjoni tal-pubbliku, u tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fl-għoti ta' informazzjoni pubblika dwar sistemi ta' allert, billi tipprovdi gwida dwar tali sistemi, inkluż fuq livell transkonfinali;***";

(4) l-Artikolu 6 ▌ jinbidel b'dan li ġej:

"***Artikolu 6***

***Ġestjoni tar-riskju***

***1. Sabiex jippromwovu approċċ effikaċi u koerenti għall-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom billi jikkondividu informazzjoni mhux sensittiva, jiġifieri informazzjoni li l-iżvelar tagħha ma jmurx kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri, u sabiex jippromwovu l-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom:***

(a) jiżviluppaw ***aktar*** il-valutazzjonijiet tar-riskju ***fil-livell nazzjonali jew il-livell subnazzjonali adatt;***

***(b) jiżviluppaw aktar il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju*** fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali adatt ▌;

(***c***) jiżviluppaw u jirfinaw ***aktar*** l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali adatt ▌***;***

▌

(d) ***iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni*** sommarju tal-elementi rilevanti tal-valutazzjonijiet imsemmija fil-***punti (a) u (b), b'enfasi fuq ir-riskji ewlenin. Għal riskji ewlenin li għandhom impatti transkonfinali kif ukoll, fejn xieraq, għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt qawwi, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu*** miżuri prijoritarji ta' prevenzjoni u tħejjija ▌. ***Is-sommarju għandu jiġi pprovdut lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020*** u kull tliet snin minn dik id-data 'l quddiem ***u kull meta jkun hemm bidliet importanti;***

***(e) jipparteċipaw, fuq bażi volontarja, f'evalwazzjonijiet bejn il-pari dwar il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju.***

***2. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' konsultazzjoni speċifiċi biex jittejbu l-ippjanar u l-koordinazzjoni adatti tal-prevenzjoni u t-tħejjija fost l-Istati Membri li huma suxxettibbli għal tipi simili ta' diżastri, inkluż għal riskji transkonfinali u riskji bi probabbiltà baxxa b'impatt qawwi identifikati taħt il-punt (d) tal-paragrafu 1.***

***3. Sat-22 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa aktar, flimkien mal-Istati Membri, linji gwida dwar il-preżentazzjoni tas-sommarju imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 1.***

***4. Fejn Stat Membru jitlob b'mod frekwenti l-istess tip ta' assistenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-istess tip ta' diżastru, il-Kummissjoni, wara analiżi bir-reqqa tar-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi tal-attivazzjoni, u bil-għan li tappoġġa lill-Istat Membru kkonċernat biex isaħħaħ il-livell ta' prevenzjoni u tal-istat ta' tħejjija tiegħu, tista':***

***(a) titlob lil dak l-Istat Membru jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni u tħejjija relatati mar-riskju li jikkorrispondi għal dak it-tip ta' diżastru; u***

***(b) fejn adatt, abbażi tal-informazzjoni pprovduta:***

***(i) tipproponi l-istazzjonar ta' tim ta' esperti fuq il-post biex jipprovdi konsulenza dwar miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija; jew***

***(ii) tagħmel rakkomandazzjonijiet biex jissaħħaħ il-livell ta' prevenzjoni u tal-istat ta' tħejjija fl-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni u dak l-Istat Membru għandhom iżommu lil xulxin informati dwar kwalunkwe miżura meħuda b'segwitu għal tali rakkomandazzjonijiet.***

***F'każ li Stat Membru jitlob l-istess tip ta' assistenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-istess tip ta' diżastru tliet darbiet fi żmien tliet snin konsekuttivi, il-punti (a) u (b) għandhom japplikaw sakemm analiżi bir-reqqa tar-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi tal-attivazzjonijiet frekwenti ma turix li din mhijiex meħtieġa.";***

(5) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"▌1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex itejbu l-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri***, kemm għal diżastri naturali kif ukoll dawk ikkawżati mill-bniedem,*** taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, inkluż permezz tat-tfassil ta' xenarji għal reazzjoni għal diżastri bbażati fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) u l-perspettiva ġenerali tar-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1), l-immappjar tal-assi u l-iżvilupp ta' pjanijiet għall-istazzjonar tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni.";

(6) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili"

(b) il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. B'dan hija stabbilita Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Din għandha tikkonsisti minn riżerva ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni impenjati minn qabel ***b'mod volontarju*** mill-Istati Membri u għandha tinkludi moduli, ***kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni u kategoriji ta' esperti***.

*1a.* ***L-assistenza pprovduta minn Stat Membru permezz tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili għandha tikkomplementa l-kapaċitajiet eżistenti fl-Istat Membru*** li jagħmel it-talba***, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u r-reazzjoni fir-rigward ta' diżastri fit-territorju tagħhom***.

2. Abbażi tar-riskji, ***tal-kapaċitajiet globali u tal-lakuni*** identifikati, il-Kummissjoni għandha ***tiddefinixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati taħt il-punt (f) tal-Artikolu 32(1),*** it-tipi u l-għadd ta' kapaċitajiet ewlenin ta' reazzjoni meħtieġa għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ("miri tal-kapaċità").

Il-Kummissjoni, ***f'kooperazzjoni mal-Istati Membri,*** għandha tagħmel monitoraġġ tal-progress lejn il-miri tal-kapaċità ***stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u tidentifika lakuni potenzjalment sinifikanti fil-kapaċità ta' reazzjoni fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Fejn ikunu ġew identifikati tali lakuni, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kapaċitajiet meħtieġa humiex disponibbli għall-Istati Membri barra r-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Il-Kummissjoni*** għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw ***lakuni sinifikanti fil-kapaċità ta' reazzjoni fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, u*** tista' tappoġġa lill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 20, il-punt (i) tal-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 21(2).";

▌

(7) l-Artikolu 12 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 12

rescEU

1. B'dan hija stabbilita r-rescEU biex tipprovdi ***assistenza f'sitwazzjonijiet qliel*** fejn il-kapaċitajiet ***globali*** eżistenti ***fil-livell nazzjonali u dawk impenjati minn qabel mill-Istati Membri fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux, fiċ-ċirkostanzi, kapaċi jiżguraw reazzjoni effettiva għat-tipi varji ta'*** diżastri ***msemmija fl-Artikolu 1(2)***.

***Sabiex tkun garantita reazzjoni effettiva għal diżastri, fejn xieraq, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni ġeografika adegwata tal-kapaċitajiet tar-rescEU.***

2. Il-***Kummissjoni għandha tiddefinixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati taħt il-punt (g) tal-Artikolu 33(1), il-kapaċitajiet li minnhom għandha tinkonsisti r-rescEU, b'kont meħud tar-riskji identifikati u dawk emerġenti, il-kapaċitajiet globali u l-lakuni fil-livell tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, u r-rispons mediku ta' emerġenza. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw konsistenza ma' liġijiet applikabbli oħra tal-Unjoni. L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat sa ... [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni].***

▌

3. ***Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu akkwistati, mikrija jew meħuda b'lease mill-Istati Membri. Għal dak il-fini,*** il-Kummissjoni ***tista' tagħti għotjiet diretti lill-Istati Membri mingħajr sejħa għal proposti. Fejn il-Kummissjoni takkwista kapaċitajiet tar-rescEU f'isem l-Istati Membri, il-proċedura tal-akkwist konġunt għandha tapplika. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha tingħata*** skont ir-regoli finanzjarji tal-Unjoni.

***Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu ospitati mill-Istati Membri li jakkwistaw, jikru jew jieħdu b'lease dawn il-kapaċitajiet. Fil-każ ta' akkwist konġunt, il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu ospitati mill-Istati Membri li f'isimhom il-kapaċitajiet tar-rescEU jiġu akkwistati.***

4. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi rekwiżiti ta' kwalità għall-kapaċitajiet ta' reazzjoni li jifformaw parti minn rescEU, ***f'konsultazzjoni mal-Istati Membri***. Ir-rekwiżiti ta' kwalità għandhom ikunu bbażati fuq standards internazzjonali stabbiliti, fejn tali standards ikunu diġà jeżistu.

5. ***Stat Membru li huwa sid ta', li jikri jew li jkollu b'lease, kapaċitajiet tar-rescEU*** għandu jiżgura r-***reġistrazzjoni ta' dawk il-kapaċitajiet fis-CECIS, u*** d-disponibbiltà u l-istazzjonabbiltà tagħhom ***għal operazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.***

***Il-kapaċitajiet tar-rescEU jistgħu jintużaw biss għal finijiet nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 23(4a) meta ma jkunux użati jew meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni*** taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

***Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jintużaw f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati taħt il-punt (g) tal-Artikolu 32(1) u mal-kuntratti operazzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru li jkun is-sid ta', jew li jkun qed jikri jew ikollu b'lease, tali kapaċitajiet, li jispeċifikaw aktar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-istazzjonar ta' kapaċitajiet tar-rescEU, inkluż il-persunal parteċipanti.***

6. Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom ikunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni fuq talba għal assistenza permezz tal-ERCC ***f'konformità mal-Artikolu 15 jew l-Artikolu 16 (1) sa (9) u (11), (12) u (13)***. Id-deċiżjoni dwar l-istazzjonar ***u d-demobilizzazzjoni tagħhom, u kwalunkwe deċiżjoni fil-każ ta' talbiet konfliġġenti,*** għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni ***f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru*** li jagħmel it-talba ***u l-Istat Membru li jkun is-sid ta', li jikri jew li jkollu b'lease, il-kapaċità, f'konformità mal-kuntratti operazzjonali kif definiti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 5.***

***L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu ġew stazzjonati l-kapaċitajiet tar-rescEU għandu jkun responsabbli li jidderieġi l-operazzjonijiet ta' reazzjoni. Fil-każ ta' stazzjonar barra mill-Unjoni, l-Istati Membri li jospitaw kapaċitajiet tar-rescEU għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li l-kapaċitajiet tar-rescEU jiġu integrati bis-sħiħ fir-reazzjoni globali.***

7. F'każ ta' stazzjonar, il-Kummissjoni ***permezz tal-ERCC*** għandha tiftiehem mal-Istat Membru li jagħmel it-talba dwar l-istazzjonar operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU. L-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni operazzjonali tal-kapaċitajiet tiegħu u tal-attivitajiet tar-rescEU matul l-operazzjonijiet.

8. Il-koordinazzjoni tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni differenti għandha tiġi ffaċilitata fejn adatt mill-Kummissjoni permezz tal-ERCC f'konformità mal-Artikoli 15 u 16.

9. L-Istati Membri għandhom jiġu informati dwar l-istatus operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU permezz tas-CECIS.

***10. Jekk diżastru barra l-Unjoni jkun jista' jaffettwa konsiderevolment wieħed jew aktar mill-Istati Membri jew iċ-ċittadini tagħhom, il-kapaċitajiet tar-rescEU jistgħu jiġu stazzjonati f'konformità mal-paragrafi 6 sa 9 ta' dan l-Artikolu.***

***Meta l-kapaċitajiet tar-rescEU jiġu stazzjonati f'pajjiżi terzi, f'każijiet speċifiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jistazzjonaw il-persunal tagħhom stess, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni adottat taħt il-punt (g) tal-Artikolu 32(1), u kif definiti aktar fil-kuntratti operazzjonali msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.";***

(8) ▌l-Artikolu ***13 huwa emendat kif ġej:***

***(a)*** it-titlu ▌ jinbidel b'dan ***li ġej***:

"Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili

***(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:***

***(i) il-kliem introduttorju jinbidlu b'dan li ġej:***

"1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi netwerk ta' atturi u istituzzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni ta' diżastri, ***inklużi ċentri ta' eċċellenza, universitajiet u riċerkaturi,*** li flimkien mal-Kummissjoni, jifformaw, Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili. ***Il-Kummissjoni għandha tqis b'mod dovut l-għarfien espert disponibbli fl-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet attivi fuq il-post.***

***Filwaqt li jimmira għal kompożizzjoni bbilanċjata bejn is-sessi,*** in-Netwerk għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin fl-oqsma ta' taħriġ, eżerċizzji, tagħlimiet meħuda u tixrid tal-għarfien, f'koordinazzjoni mill-qrib ma' ċentri ta' għarfien rilevanti, fejn adatt:";

(ii) il-punt ***(a) jinbidel b'dan li ġej:***

" ***(a)*** ***tistabbilixxi u*** tmexxi ***programm ta' taħriġ għall-persunal tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tal-emerġenzi dwar il-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija u r-reazzjoni għalihom. Il-programm għandu jkun tali li jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, u għandu jinkludi korsijiet konġunti u sistema ta' skambju ta' kompetenza esperta fil-qasam tal-ġestjoni tal-emerġenzi, inkluż l-iskambju ta' professjonisti żgħażagħ u voluntiera ta' esperjenza, u l-issekondar ta' esperti tal-Istati Membri.***

*Il-programm ta' taħriġ għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ il-koordinazzjoni, il-kompatibbiltà u l-komplementarjetà tal-kapaċitajiet imsemmija fl-Artikoli 9, 11 u 12, u li jtejjeb il-kompetenza tal-esperti kif imsemmi fil-punti (d) u (f) tal-Artikolu 8.*";

(iii) il-punt ***(f) jinbidel b'dan li ġej:***

" ***(f) tistimola r-riċerka u l-innovazzjoni, u tinkoraġġixxi l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda rilevanti għall-fini tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.";***

***(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"4. Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni dwar it-taħriġ, u żżid il-kondiviżjoni ta' għarfien u esperjenza, bejn in-Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi, biex tikkontribwixxi għall-adempiment tal-impenji internazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, b'mod partikolari dawk fi ħdan il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 adottat fit-18 ta' Marzu 2015 fit-Tielet Konferenza Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri f'Sendai, il-Ġappun.";***

(9) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta jseħħ diżastru fl-Unjoni, jew dan ikun imminenti, l-Istat Membru affettwat jista' jitlob għall-assistenza permezz tal-ERCC. It-talba għandha tkun speċifika kemm jista' jkun. Talba għall-assistenza għandha tiskadi wara perijodu massimu ta' 90 jum, sakemm elementi ġodda li jiġġustifikaw il-bżonn għal assistenza kontinwa jew addizzjonali ma jiġux ipprovduti lill-ERCC.";

(10) fl-Artikolu 16, il-***paragrafi*** 1 ***u 2*** jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Meta jseħħ diżastru barra l-Unjoni, jew dan ikun imminenti, il-pajjiż affettwat jista' jitlob għall-assistenza permezz tal-ERCC. L-assistenza tista' tintalab ukoll permezz tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha jew minnhom, jew minn organizzazzjoni internazzjonali rilevanti. Talba għall-assistenza għandha tiskadi wara perijodu massimu ta' 90 jum, sakemm elementi ġodda li jiġġustifikaw il-bżonn għal assistenza kontinwata jew addizzjonali ma jiġux ipprovduti lill-ERCC.

***2. L-interventi taħt dan l-Artikolu jistgħu jitmexxew jew bħala intervent awtonomu ta' assistenza jew bħala kontribut għal intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali. Il-koordinazzjoni mill-Unjoni għandha tkun integrata b'mod sħiħ mal-koordinazzjoni globali pprovduta mill-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti (OCHA), u għandha tirrispetta r-rwol ta' tmexxija ta' dan tal-aħħar. Fil-każ ta' diżastri kkawżati mill-bniedem jew emerġenzi kumplessi, il-Kummissjoni għandha tiżgura konsistenza mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja****, ***u tirrispetta l-prinċipji umanitarji.***

______________________

* ĠU C 25, 30.1.2008, p. 1.";

(11) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-perijodu mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta' EUR ***574 028*** 000 fi prezzijiet attwali.

EUR ***425 172*** 000 fi prezzijiet attwali għandhom jittieħdu mill-Intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju pluriennali u EUR ***148 856*** 000 fi prezzijiet attwali mill-Intestatura 4 "Ewropa Globali".";

(12) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 20a

Viżibbiltà ***u għotjiet***

***"1.*** Kwalunkwe assistenza jew finanzjament li jingħataw taħt din id-Deċiżjoni għandhom jagħtu viżibbiltà xierqa lill-Unjoni, inkluża prominenza lill-emblema tal-Unjoni għal dawk il-kapaċitajiet imsemmija taħt l-Artikoli 11 u 12 u l-punt (c) tal-Artikolu 21(2). ***Għandha tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni sabiex trendi viżibbli għaċ-ċittadini r-riżultati tanġibbli tal-azzjonijiet meħuda taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.***

***2. Il-Kummissjoni għandha tagħti medalji sabiex tirrikonoxxi u tonora impenn fit-tul u kontributi straordinarji lill-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni.***";

(13) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (j) tal-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"(j) l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-***kapaċitajiet*** tar-rescEU f'konformità mal-Artikolu 12;";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) l-ispejjeż meħtieġa biex il-kapaċitajiet ta' reazzjoni jiġu aġġornati jew imsewwija għal stat ta' tħejjija u disponibbiltà li jagħmilhom stazzjonabbli bħala parti mir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, f'konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili u, fejn rilevanti, mar-rakkomandazzjonijiet ifformulati fil-proċess ta' ċertifikazzjoni ("spejjeż ta' adattament"). Dawk l-ispejjeż jistgħu jinkludu spejjeż relatati mal-operabbiltà, interoperabbiltà ta' moduli u kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni, awtonomija, awtosuffiċjenza, trasportabbiltà, imballaġġ, u spejjeż neċessarji oħra, dment li huma jkunu relatati speċifikament mal-parteċipazzjoni tal-kapaċitajiet fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili.

L-ispejjeż ta' adattament jistgħu jkopru:

i) 75% tal-ispejjeż eliġibbli f'każ ta' aġġornament, dment li dak l-ammont ma jaqbiżx il-50 % tal-ispiża medja tal-iżvilupp tal-kapaċità; u

ii) 75% tal-ispejjeż eliġibbli f'każ ta' tiswija.

Il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li jibbenefikaw minn finanzjament taħt il-punti (i) u (ii) għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni bħala parti mir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili għal perijodu minimu ***li huwa marbut mal-finanzjament riċevut u jvarja bejn 3*** u 10 snin ***li jibda mid-disponibbiltà effettiva tagħhom bħala parti mir-Riżerva*** Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, ħlief fejn it-tul tal-ħajja ekonomika tagħhom ikun iqsar.

L-ispejjeż ta' adattament jistgħu jikkonsistu fi spejjeż għal kull unità jew somom f'daqqa stabbiliti għal kull tip ta' kapaċità.";

(ii) jitħassru kemm il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu kif ukoll it-tieni subparagrafu;

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. L-assistenza finanzjarja għall-azzjoni msemmija fil-punt (j) tal-paragrafu 1 għandha tkopri ▌ l-ispejjeż meħtieġa biex ikunu żgurati d-disponibbiltà u l-istazzjonabbiltà tal-kapaċitajiet tar-rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni ***f'konformità mat-tieni subparagrafu ta' dan i***l-paragrafu.

Il-▌ ***Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza finanzjarja msemmija f'dan il-paragrafu tikkorrispondi għal mill-anqas 80% u mhux aktar minn 90% tal-ispiża stmata totali meħtieġa biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-istazzjona***bbiltà ***tal-kapaċitajiet tar-rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni. L-ammont li jifdal għandu jiġġarrab mill-Istati Membri li jospitaw il-kapaċitajiet tar-rescEU. L-ispiża stmata totali għal kull tip ta' kapaċità tar-rescEU għandha tiġi definita permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati taħt il-punt (g) tal-Artikolu 32(1). L-ispejjeż stmati totali għandhom jiġu kkalkolati b'kont meħud tal-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fl-Anness Ia.***

***Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex jiġi emendat l-Anness Ia fir-rigward tal-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli.***

***L-assistenza finanzjarja msemmija f'dan il-paragrafu tista' tiġi implimentata permezz ta' programmi ta' ħidma pluriennali. Għal azzjonijiet li jestendu lil hinn minn sena waħda, l-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali.***

***4.*** ***Għall-kapaċitajiet stabbiliti biex iwieġbu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt qawwi, kif definiti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati taħt il-punt (ha) tal-Artikolu 32(1), l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri l-ispejjeż kollha meħtieġa biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-istazzjonabbiltà.***

5. L-ispejjeż imsemmija fil-▌ paragrafu 3 jistgħu jikkonsistu fi spejjeż għal kull unità, somom f'daqqa jew rati fissi, stabbiliti għal kull kategorija jew tip ta' kapaċità, kif xieraq.";

(14*)* ***l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:***

***(a***) ▌ it-titlu jinbidel b'dan li ġej:

"Azzjonijiet eliġibbli marbuta mat-tagħmir u l-operazzjonijiet"

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

***"1a. L-ammont ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni għat-trasport tal-kapaċitajiet li mhumiex*** impenjati ***minn qabel fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili u stazzjonati fil-każ ta' diżastru jew ta' diżastru imminenti fl-Unjoni jew barra minnha ma għandux jaqbeż 75% tal-ispiża eliġibbli totali.";***

(c) il-paragrafi 2, 3 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

▌ "2. L-ammont ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal kapaċitajiet impenjati minn qabel fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ***ma għandux jaqbeż*** 75 % tal-ispejjeż tal-operat tal-kapaċitajiet, inkluż it-trasport, f'każ ta' diżastru jew ta' diżastru imminenti fl-Unjoni jew fi Stat parteċipanti.

3. L-***assistenza finanzjarja*** tal-Unjoni għat-trasport ***ma għandhiex taqbeż*** 75 % tal-ispiża eliġibbli totali relatata mat-trasport ta' kapaċitajiet impenjati minn qabel fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, meta jiġu stazzjonati f'każ ta' diżastru jew ta' diżastru imminenti barra l-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 16.

4. Barra minn hekk, l-***assistenza finanzjarja*** tal-Unjoni għar-riżorsi tat-trasport tista' tkopri massimu ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli totali deskritti taħt il-punti (a), (b), (c) u (d), jekk dan ikun meħtieġ biex ir-riżerva ta' assistenza tal-Istati Membri tkun effettiva fil-livell operazzjonali u jekk l-ispejjeż jirrigwardaw waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-kiri għal perijodu qasir ta' kapaċità ta' magazzinaġġ biex tinħażen temporanjament l-assistenza mill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat it-trasport koordinat tagħha;

(b) it-trasport mill-Istat Membru li jkun qed joffri l-assistenza lill-Istat Membru li jkun qed jiffaċilita t-trasport koordinat tiegħu;

(c) l-imballaġġ mill-ġdid tal-assistenza tal-Istati Membri biex isir użu massimu mill-kapaċitajiet ta' trasport disponibbli jew biex jiġu sodisfatti rekwiżiti operazzjonali speċifiċi; jew

(***d***) it-trasport lokali, it-transitu u l-magazzinaġġ ta' assistenza akkomunata bil-ħsieb li titwassal b'mod koordinat fid-destinazzjoni finali tal-pajjiż li jagħmel it-talba.

***4a. Meta l-kapaċitajiet tar-rescEU jintużaw għal finijiet nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 12(5), l-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż ta' manutenzjoni u ta' tiswija, għandhom ikunu koperti mill-Istat Membru li jużа l-kapaċitajiet.***

***4b.*** ***Fil-każ ta' stazzjonar tal-kapaċitajiet tar-rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri 75% tal-ispejjeż operazzjonali.***

***Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri 100% tal-ispejjeż operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU meħtieġa għal diżastri ta' probabbiltà baxxa b'impatt qawwi, meta dawk il-kapaċitajiet ikunu stazzjonati taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.***

***4c.*** ***Għall-istazzjonar barra l-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 12(10), l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri 100% tal-ispejjeż operazzjonali.***

***4d.*** ***Meta l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni msemmija f'dan l-Artikolu ma tkoprix 100% tal-ispejjeż, l-ammont li jifdal għandu jiġġarrab minn min jitlob l-assistenza, sakemm ma jkunx intlaħaq qbil mod ieħor mal-Istat Membru li jkun offra l-assistenza jew l-Istat Membru li jospita l-kapaċitajiet tar-rescEU.";***

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. L-ispejjeż tat-trasport jistgħu jikkonsistu fi spejjeż għal kull unità, somom f'daqqa jew rati fissi stabbiliti għal kull kategorija ta' spiża.";

(15) fl-Artikolu 26, il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. L-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni ma għandhomx jirċievu assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Madankollu, ***f'konformità mal-Artikolu 191(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046*** *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****,*** l-assistenza finanzjarja mogħtija skont l-Artikoli 21, 22 u 23 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhiex timpedixxi l-finanzjament minn strumenti oħra tal-Unjoni f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fihom.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-applikanti għall-assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni, u l-benefiċjarji ta' tali assistenza, jipprovduha b'informazzjoni dwar l-assistenza finanzjarja li jirċievu minn sorsi oħra, inkluż il-baġit ġenerali tal-Unjoni, u dwar applikazzjonijiet pendenti għal tali assistenza.

2. Għandhom jiġi ***żviluppati*** sinerġiji***,*** komplementarjetà ***u aktar koordinazzjoni*** ma' strumenti oħra tal-Unjoni bħal dawk li jappoġġaw politiki dwar il-koeżjoni, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka, is-saħħa, ▌ il-migrazzjoni u s-sigurtà***, kif ukoll il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni***. Fil-każ ta' reazzjoni għal kriżijiet umanitarji f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/***96, u li dawk l-azzjonijiet ikunu implimentati f'konformità mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.***

______________________

* *Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni,* li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 *(ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).*";

(16) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) ***il-paragrafu 1*** jinbidel b'dan li ġej:

"***1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta':***

***(a) pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE, u pajjiżi Ewropej oħra meta jkun ipprovdut hekk minn ftehimiet u proċeduri;***

***(b) pajjiżi li jkunu qed jaċċedu għall-Unjoni, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehimiet Qafas rispettivi u d-Deċiżjonijiet rispettivi ta' Kunsilli ta' Assoċjazzjoni, jew ftehimiet simili.***

***1a. Il-parteċipazzjoni fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandha tinkludi parteċipazzjoni fl-attivitajiet tiegħu f'konformità mal-objettivi, ir-rekwiżiti, il-kriterji, il-proċeduri u l-iskadenzi previsti f'din id-Deċiżjoni, u għandha tkun f'konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Istat parteċipanti.*** ";

(b) ***il-paragrafu 3*** jinbidel b'dan li ġej:

"3. Organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali, jew pajjiżi li jifformaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat jistgħu jikkooperaw f'attivitajiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni fejn ftehimiet bilaterali jew multilaterali rilevanti ***bejn dawk l-organizzazzjonijiet jew pajjiżi u l-Unjoni*** jippermettu dan.";

*(17)* ***l-Artikolu 30*** jinbidel b'dan li ***ġej:***

*"Artikolu 30*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(5) u (6) hija mogħtija lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020.

***3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 21(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja.]***

***4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19(5) u (6) u fl-Artikolu 21(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*** Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

***5. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.***

6. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***7. Att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 19(5) u (6) u l-Artikolu 21(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni*** mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***";***

(18) fl-Artikolu 32, il-punti (g) u (h) tal-paragrafu 1 jinbidlu b'dan li ġej:

"(g) l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tar-rescEU, kif previst fl-Artikolu 12, inklużi kriterji għal deċiżjonijiet ta' stazzjonar, proċeduri operattivi ***kif ukoll l-ispejjeż kif imsemmija fl-Artikolu 21(3)***;

(h) l-istabbiliment u l-organizzazzjoni tan-Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili, kif previst fl-Artikolu 13;

***(ha) il-kategoriji ta' riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt qawwi u l-kapaċitajiet korrispondenti biex dawn ikunu ġestiti, kif imsemmi fl-Artikolu 21(4);***

***(hb) il-kriterji u l-proċeduri għar-rikonoxximent ta' impenn fit-tul u kontributi straordinarji għall-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 20(a).***";

***(19) l-Artikolu 34 jinbidel b'dan li ġej:***

***"Artikolu 34***

***Evalwazzjoni***

***1. L-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja għandhom ikunu monitorjati b'mod regolari sabiex tiġi segwita l-implimentazzjoni tagħhom.***

2. *Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet u l-progress li jkun sar taħt l-Artikoli 11 u 12 kull sentejn. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar progress li jkun sar lejn il-miri tal-kapaċità u l-lakuni li jkun fadal kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), b'kont meħud tal-istabbiliment tal-kapaċitajiet tar-rescEU f'konformità mal-Artikolu 12. Ir-rapport għandu jipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi baġitarji u dawk tal-ispejjeż relatati ma' kapaċitajiet ta' reazzjoni, u valutazzjoni tal-ħtieġa ta' żvilupp ulterjuri ta' dawk il-kapaċitajiet.*

3. *Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2023 u kull ħames snin wara dan, komunikazzjoni dwar l-effettività, il-kosteffiċjenza u l-implimentazzjoni kontinwata ta' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 6(4), u tal-kapaċitajiet tar-rescEU. Dik il-komunikazzjoni għandha tkun akkumpanjata, fejn adatt, minn proposti għall-emendar ta' din id-Deċiżjoni.";*

*(20) l-Artikolu 35 jinbidel b'dan li ġej:*

*"Artikolu 35*

*Dispożizzjonijiet transizzjonali*

*Sal-1 ta' Jannar 2025, tista' tiġi pprovduta assistenza finanzjarja mill-Unjoni biex tkopri 75% tal-ispejjeż neċessarji biex ikun żgurat aċċess rapidu għall-kapaċitajiet nazzjonali li jikkorrispondu għal dawk definiti f'konformità mal-Artikolu 12(2). Għal dak il-għan, jistgħu jingħataw għotjiet diretti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri mingħajr sejħa għal proposti.*

*Il-kapaċitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu għandhom ikunu ddeżinjati bħala kapaċitajiet tar-rescEU sat-tmiem ta' dan il-perijodu tranżizzjonali.*

*B'deroga mill-Artikolu 12(6), id-deċiżjoni dwar l-istazzjonar tal-kapaċitajiet imsemmijin fl-ewwel paragrafu għandha tittieħed mill-Istat Membru li jkun għamilhom disponibbli bħala kapaċitajiet tar-rescEU. Meta minħabba emerġenzi domestiċi, force majeure jew, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet serji, Stat Membru ma jkunx jista' jagħmel dawk il-kapaċitajiet disponibbli għal diżastru speċifiku, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli billi jirreferi għal dan l-Artikolu.";*

*(21) l-Artikolu 38 jitħassar;*

*(22) ir-referenzi għall-"Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza", "EERC" u r-"konsorzju volontarju" fit-test kollu tad-Deċiżjoni għandhom ikunu sostitwiti minn referenza għar-"Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili";*

*(23) għandu jiddaħħal l-Anness Ia kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni ***għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***.

***L-arranġamenti eżistenti li jaqgħu taħt l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE għandhom ikomplu japplikaw sa meta jiġu sostitwiti kif adatt.***

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill*

*Il-President* | *Il-President*

*Anness*

*"Anness Ia*

***Kategoriji ta' spejjeż li jistgħu jkunu eliġibbli relattivament għall-kalkolu tal-ispejjeż stmati totali f'konformità mal-Artikolu 21(3)***

***1. Spejjeż tat-tagħmir***

***2. Spejjeż tal-manutenzjoni, inklużi spejjeż tat-tiswija***

***3. Spejjeż tal-assigurazzjoni***

***4. Spejjeż tat-taħriġ***

***5. Spejjeż tal-magazzinaġġ***

***6. Spejjeż tar-reġistrazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni***

***7. Spejjeż ta' oġġetti għall-konsum***

***8. Spejjeż tal-persunal meħtieġ biex jiżgura d-disponibbiltà u*** l-istazzjonabbiltà ***tal-kapaċitajiet tar-rescEU. "***

**Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kumissjoni**

Il-pakkett finanzjarju addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili fl-2019 u fl-2020 ġie ffissat għal EUR 205,6 miljun. Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-awtorità baġitarja, parti miż-żieda totali tal-baġit ta' rescEU jenħtieġ li ssir disponibbli permezz ta' riallokazzjonijiet fl-ambitu tal-Intestatura 3 (Sigurtà u ċittadinanza) u tal-Intestatura 4 (Ewropa globali) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. It-tliet istituzzjonijiet ifakkru li parti mir-riallokazzjonijiet diġà hi inkluża fil-baġit 2019 u li EUR 15,34-il miljun diġà huma inklużi fil-programmazzjoni finanzjarja għall-2020.

Fil-qafas tal-proċedura baġitarja għall-2020, il-Kummissjoni hija mistiedna tipproponi EUR 18,24-il miljun oħra f'riallokazzjonijiet biex tilħaq il-50 % għall-2019 u għall-2020 fl-ambitu tal-istess intestaturi.